MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 570/1996/1

Anthony u Vivianne konjugi Micallef bhala legittimi rappresentanti ta' binthom minuri Priscilla Micallef u b'nota tal-15 ta' Novembru 1999 Priscilla Micallef assumiet l-atti tal-kawza flimkien mal-genituri tahhha
Vs
Joseph Busuttil u Ludwig Camilleri u b'degriet tal-21 ta' Frar 1997 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Fogg Limited bhala agenti tas-socjeta' assikuratrici estera ALS Motor Policies at Lloyds and Avon Insurance Plc u b'degriet tal-11 ta' Gunju 1997 gew kjamati fil-kawza Gerald u Rosette konjugi Camilleri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-20 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fl-14 ta' Marzu 1995 ghal habta tal-9.45 p.m. l-konvenut Ludwig Camilleri waqt li kien qed isuq il-karozza tal-marka Daihatsu numru ta' registrazzjoni V4522 proprjeta' tal-konvenut l-iehor Joseph Busuttil, kif qabez il-Bieb tal-Bombi fil-Furjana, tilef il-

kontroll tal-vettura u habat; illi l-incident sehh tort u htija b'genilgenza, traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Ludwig Camilleri u kkaguna danni lill-minuri Priscilla Micallef; illi l-konvenut Joseph Busuttil afda l-vettura tieghu f'idejn il-konvenut Ludwig Camilleri u tah ic-cwievet taghha biex isuqha meta wara l-incident irrizulta li dan ma kellux licenzja tas-sewqan u kien ghadu minorenni u b'hekk huwa ukoll responsabbli ghall-incident in kwistjoni; illi l-atturi mhux f'posizzjoni li jkunu jafu jekk il-konvenut Joseph Busuttil huwiex mizzewweg jew separat ghal fini li l-konjugi jridu jkunu parti in kawza u ghal kull buon fini jitolbu li jikkjamawha fil-kawza jekk ikun il-kaz; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli tal-incident li minhabba negligenza, imperizja, traskuragini u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku liema incident sehh fl-14 ta' Marzu 1995 hekk kif taqbez Portes de Bombes, Furjana meta l-konvenut Ludwig Camilleri kien qieghed jsuq il-karozza tal-marka Daihatsu numru V-4522 proprjeta' tal-konvenut Joseph Busuttil, li fdalu l-karozza u tah ic-cwievet meta ma kellux licenzja tas-sewqan, tilef il-kontroll tal-vettura, habat u kkaguna danni lill-minuri Priscilla Micallef;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi rizultat tal-incident stradali fuq deskritt u indikat fl-ewwel talba;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma likwidata fit-tieni talba bl-imghax dovut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut Busuttil tal-24 ta' Gunju 1996 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjent ma kkawza l-ebda danni lill-minuri Priscilla Micallefbint l-atturi u ghalhekk ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet tal-atturi nomine.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Busuttil.

Rat in-nota tal-konvenut Camilleri tal-25 Gunju 1996 li permezz taghha eccepixxa:-
1. illi l-vettura numru ta' registrazzjoni V-4522, li hi ta' proprjeta' ta' Joseph Busuttil, kienet fid-data tal-incident in wksitjoni assikurata mal-Fogg Limited, bhala agenti tas-socjeta' assikuratrici estera ALS Motor Policies Lloyds & Avon Ins Plc u ghalhekk dawn ghandhom jigu kjamati fil-kawza;
2. illi t-talbiet nkwantu diretti kontra l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li mhuwiex responsabbli ghal-incident 'de quo'.
3. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghal-premess trid issir il-prova tad-danni li allegatament sofriet Priscilla Micallef.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' Camilleri.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-1 ta' Ottubru 1996 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-13 ta' Novembru 1996 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-degriet taghha tal-21 ta' Frar 1997 meta giet imsejha fil-kawza s-socjeta' Fogg Limited noe li b'nota tal-11 ta' Marzu 1997 eccepiet:-
1. illi d-domandi attrici nkwantu huma diretti kontra s-socjeta' eccipjenti bhala "*agenti tas-socjeta' assikuratrici estera ALS Motor Policies at Lloyds*" ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u s-socjeta' eccipjenti kif hawn citata mhux biss ghax ma tezisti ebda socjeta' estera b'dak l-isem u l-istess "*ALS Motor Policies*" huwa konsortju li jirrapresenta diversi socjetajiet ta' assikurazzjoni esteri ma Lloyds li pero' ma ghandhomx personalita' guridika taghhom indipendenti kif qeghdin jimplikaw l-atturi, imma ukoll billi l-imsemmi 'consortium' ma ghandu x'jaqsam xejn mal-polza ta' assikurazzjoni, li huwa l-pern ta' dil kawza. Kwindi ma ghandha ebda status in judicio.
2. Illi bla pregudizju l-istess talbiet attrici nkantu huma diretti kontra s-socjeta' konvenuta fil-kwalitajiet duplika

citata ghandhom ukoll jigu respinti bl-ispejjes stante li l-istess socjeta' konvenuta, kif citata, ma tista' qatt tinstab, kif mitlub fic-citazzjoni, responsabbli ghas-sewqan allegatament traskurat tal-konvenuti l-ohra. Ma hemm u ma seta' qatt kien hemm ebda premessa fic-citazzjoni li tista' torbot lis-socjeta'eccipjenti mas-sinistru in kwistjoni u ghalhekk it-talbiet attrici, kif formulati u fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti, huma nsostenibbli u ghalhekk ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta' assikuratrici.
Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 1997 meta gew kjamati in kawza Gerald u Rosemary konjugi Camilleri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess presentata fil-11 ta' Awissu 1997 li permezz taghha eccepew illi t-talbiet attrici inkwantu diretti kontra taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhdom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-eccipjenti m'huma bl-ebda mod responsabbli ghall-incident 'de quo' u ghad-danni konsegwenzjali.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu 1999 li permezz tieghu gie mahtur bhala espert mediku l-kirurgu Charles Swain u r-rapport tieghu mahluf fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 1999.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u l-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-um bil-fakolta' lill-partijiet jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet. Rat ukoll in-nota tas-socjeta' Fogg Limited.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh gewwa l-Furjana fil-lejl tal-14 ta' Marzu 1995 ghal habta tal-9.45 p.m. Il-vettura numru V-4522, proprjeta' ta' Joseph Busuttil kienet qed tinsaq mill-konvenut Ludwig Camilleri mid-direzzjoni tal-Marsa lejn il-Belt. Fil-vettura kien hemm ukoll Anthony

Cilia, fil-passenger seat ta' quddiem u l-attrici Priscilla Micallef, bilqeghdha fis-seat ta' wara. Dawn it-tlett persuni kienu telqu mill-kazin tal-banda tal-Marsa u l-attrici kienet ser tittiehed il-Belt fejn toqghod.
Skond ir-rizultanzi fil-process jidher li l-vettura kienet qed tinsaq b'seta speed, ghalkemm mhux ezagerat, fuq il-lane ta' mas-centre strip waqt li din qed tavvicina l-mina ta' Portes des Bombes. Kif waslu vicin il-mina minflokk li l-karozza ghaddiet minn tahtha, id-driver, Ludwig Camilleri, gibed lejn ix-xellug biex jghaddi minn barra l-mina, cioe minn fejn jghaddu l-karozzi tal-linja, izda kif qed jaghmel hekk tilef il-kontroll u spicca biex habat f'sigra fuq il-bankina fuq in-nahha tax-xellug. Wara l-impatt ix-xhud Tony Cilia hareg mill-karozza mahbuta u waqqaf vetturi ohra biex jsejhu l-ajjut. L-attrici u l-konvenut Camilleri inhargu mill-vettura bl-assistenza tal-S.A.G. u l-pulizija u ittiehdu l-isptar San Luqa fejn, wara li gew ammessi fl-emergenza, ittiehdu fl-I.T.U.

Bhala rizultat ta' dan l-incident l-attrici sofriet griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur fil-kranju, li nneccesita l-intervent tan-Neurosurgeon Professur Zrinzo, ta' Martin Francalanza, specjalista tal-ghajnejn u ta' Dr. Joseph Briffa, plastic surgeon. Priscilla Micallef kellha ukoll emoralgia interna bhala rizultat tal-incident billi kellha hafna demm f'zaqqa li nnecessitat l-intervent kirurgiku immedjat tal-professur G. Laferla hekk kif dahlet l-isptar. Waqt l-intervent gie determinat li l-attrici kienet ukoll sofriet "*small multiple fractrures of the liver in addition to a completely disrupted spleen."* Dawn it-tlett espert gew mitluba sabiex ex parte jesprimu l-opinjoni taghhom dwar l-effetti permanenti tal-griehi li sofriet l-attrici. Dawn kollha taw percentagg ta' disabilita' relattivament ghall-griehi li innecessitaw l-intervent taghhom. Sussegwentement gie mahtur bhala espert mediku l-Kirurgu Charles Swain li fir-rapport tieghu mahluf fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 1999 wara li kkonstata l-griehi ta' Priscilla Micallef u l-ilmenti taghha kif ukoll wara ezami kliniku taghha kkonkluda li "*ma hemmx dubbju li Priscilla Micallef sostniet hsara permanenti u rriversibbli fl-incident li kellha fl-eta' zghira ta' sittax il-sena. Issa ilha tahdem sena u tidher qedgha tkampa sewaa. Ma dan kollu il-hsara fil-kranju, l-isfregju*

*fil-wicc u z-zaqq u t-telfa tal-milsa ihalluha b'disabilita' permanenti ta'* ***30%*** *(tlettin fil-mija)."*

**Ikkunsidrat dwar ir-responsabbilita'**

Dwar l-incident per se ma jidhirx li hemm hemm hafna provi u l-unika fattura li jirrizulta bhala li kkawza l-incident kienet il-manuvra inkonsulta tas-sewwieq Ludwig Camilleri li biddel id-direzzjoni bruskament u ittanta jiehu l-kurva li tirrizulta mal-gemb tal-Mina ta' Portes des Bombes meta kien mixi bi speed eccessiv u mhux konsonanti mill-istess manuvra. Dan seta kien bhala rizultat tan-nuqqas ta' esperjenza da parti tal-istess sewwieq tal-vettura li mhux biss kien ghandu bla licenzja izda ukoll kienu ghadu ta' l-eta' zghira ta' sittax-il sena. L-incident ghalhekk jidher li gara tort tal-istess Ludwig Camilleri li ghandu konsegwentement jirrispondi ghad-danni sofferti mill-attrici.

F'dawn il-proceduri izda jidher li gew inkluzi s-sid tal-vettura u cioe Joseph Busuttil, kif ukoll l-assikurazzjoni tal-vettura in kwistjoni kif ukoll il-genituri tal-istess Ludwig Camilleri. Jibda biex jinghad qabel xejn li l-assikurazzjoni tal-vettura involuta fl-incident ma ghandhiex locus standi f'dawn il-proceduri qua konvenuta nkwantu din qatt ma tista' tigi mizmuma responsabbli ghall-incident fih innifsu. Il-premessi tac-citazzjoni kif ukoll it-talbiet indirizzati lejn iz-zewg konvenuti l-ohra, jikkoncernaw responsabbilita' ghal-incident awtomobilistiku li jwassal ghar-responsabbilita' ghad-danni. Il-posizzjoni tas-socjeta' Fogg Limited hija wahda kuntrattwali u cioe dik ir-responsabbilita' li tista' titwieled mill-polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura involuta fl-incident b'zieda ghar-responsabbilita' li din l-istess assikurazzjoni jista' jkollha fil-konfront tal-attrici u li tittwieled mil-ligi partikolari li tirregola l-kuntratt ta' assikurazzjoni fuq il-vetturi tas-sewqan. Bl-ebda mod ma tista' l-assikurazzjoni tirrispondi ghall-akkuzi li qedin jsiru fic-citazzjoni billi hija la qatt kienet u la qatt tista' tigi mizmuma responsabbli ghall-akkadut. Il-kwistjoni tar-responsabbilita' tal-assikurazzjoni ghalhekk tibqa' dejjem impregudikata bl-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Il-presenza tal-genituri tal-imsemmi Ludwig Camilleri u cioe l-konvenuti
Gerald u Rose Camilleri jista' biss jkollha relevanza kemm-il darba dawn l-istess konjugi Camilleri jew ippermettew lill-binhom minuri jsuq vettura ghalkemm ma kienx licenzjat jew li, konxji tal-fatt li dan kien minuri, ma ghamlu xejn biex jimpedixxu lill-istess binhom jsuq vettura ohra. Mill-provi prodotti u senjatament ix-xhieda tal-ispettur Paul Camilleri jirrizulta li b'xi mod missier Ludwig Camilleri kien jaf li ibnu qed jabbuza billi jsuq vettura/vetturi ghalkemm mhux licenzjat. Infatti dan ix-xhud qal li l-isptar huwa sema lill-missier Ludwig jghajjat mal-konvneut Busuttil u jghidlu "*jiena xbajt nghidlek biex il-karozza ma taghtihilux!"* B'dan id-diskors jidher li Gerald Camilleri kien konxju li ibnu qed jikser il-ligi izda din l-"outburst" ta' missier inkwetat turi ukoll li huwa kien precedentement wissa' lill-sid il-karozza involuta fl-incident sabiex dan ma jhallix il-karozza f'idejn ibnu. Infatti ghar-rigward tal-vetturi tieghu stess dan xhed bl-aktar mod kategoriku li huwa qatt ma ppermetta lill-ibnu jsuqhom u dejjem zamm ic-ciavetta tal-garage f'idejh. Dan juri li Gerald Camilleri agixxa ta' *bonus pater familias* billi mhux biss impedixxa lill-ibnu jabbuza bis-sewqan tal-vettura tieghu minghajr ma kellu licenzja, izda sa fejn seta', ukoll wissa' lill-istess Busuttil biex ma jippermettiex lill-ibnu Ludwig jikser il-ligi. X'seta' ghamel il-konvenut Ludwig Camilleri meta kien barra u boghod minn taht ghajnejn missieru ma ghandux jirrifletti hazin fuq il-missier izda pjuttost fuq kull persuna ohra li ppermettiet persuna ta' eta minuri tikser il-ligi.

Illi finalment il-Qorti ghandha tikkunsidra l-posizzjoni tal-konvenut Joseph Busuttil sid il-vettura involuta. Mill-provi prodotti, sahansitra mid-dikjarazzjoni tal-istess Busuttil lill-pulizija wara l-incident, u mix-xhieda tieghu stess fl-udjenza, jirrizulta li dan Busuttil kien jippermetti ta' sikwiet lil Ludwig Camilleri jsuq il-karozza tieghu ghalkemm kien konxju li dan l-istess Camilleri ma kellux il-licenzja tas-sewqan. Infatti huwa stess jammetti li meta f'xi okkazzjonijiet huwa, cioe Busuttil, kien ikun fis-sakra, kien

jippermetti lill-Cammilleri jsuq il-vettura - presumibilment biex jiehdu d-dar.

Fix-xhieda tieghu il-konvenut Busuttil jipprova jxejjen il-forza probatorja tad-dikjarazzjoni tieghu lill-ufficjal li investiga l-kaz billi jghid li huwa qal dak id-diskors u cioe li ta c-cavetta tal-karozza lil Camilleri, ghax beza li jekk ma jghidx hekk dan jehel il-habs. Din hija skuza banali u kontradetta mill-provi l-ohra skjaccanti li jinsabu fil-process dwar l-attitudini tieghu rigward is-sewqan tal-vettura tieghu mill-konvenut Ludwig Camilleri. Lanqas ma taghmel sens l-ewwel parti tax-xiehda tieghu fejn jipprova jehles mir-responsabbilita' billi allega li f'dik l-okkazzjoni Camilleri kien hadlu l-karozza minghajr il-kunsens tieghu u f'dan is-sens qed jakkuza lill-istess Camilleri ta' serq ta' vettura liema reat huwa suxxettibbli ghall-proceduri kriminali.

Illi minn dan kollu jidher li l-konvenut Joseph Busuttil huwa responsabbli ghall-akkadut billi ppermetta persuna ta' taht l-eta' u li ma ghandhiex licenzja li ssuq vettura bil-mutur. B'dan il-mod mhux biss ipperikola t-terzi bhal ma gara f'dan il-kaz billi gie kkawzat incident awtomobilistiku izda ukoll ippregudika l-posizjoni tat-terz vis-a-vis kwalunkwe talba ghad-danni rizultanti mill-istess incident. Ghalhekk Busuttil ghandu jirrispondi ghat-talbiet attrici.

**Likwidazzjoni danni.**

Meta sehh l-incident li halla lill-attrici Priscilla Micallef b'disbilita' permanenti fi grad ta' 30%, din kienet ghadha tal-eta tenera ta' sitax-il sena. Bhala rizultat hija sofriet diversi griehi kif jirrizulta mir-rapporti dettaljati tat-tobba u kirurgi li kienu mitluba jintervjenu wara li giet ammessa l-Isptar San Luqa u ghal xi zmien u anke recentement jidher li kienet tattendi l-isptar sabiex tiehu l-medikazzjoni mehtiega. Wara l-incident l-attrici tghid li hija giet impjegata ma' kumpanija izda tilfet il-job taghha peress li dawn ma xtaqux li tassenti ruhha mix-xoghol anke ghar-ragunijiet medici. Wara sabet impieg bhala machine operator mas-socjeta' SGS Thomson illum maghrufa bhala ST Microelectronics u ilha tahdem hemm il fuq minn tlett snin. Bhala salarju tircevi LM74 fil-gimgha.

Minhabba l-eta' zghira ta' l-attrici meta sehh l-incidetn huwa xieraq li din tinghata kumpens kalkolat fuq hamsa u ghoxrin sena li huwa l-perjodu massimu generalment adottat mill-qrati maltin minhabba "the uncertainties of life". Ghalhekk fuq din il-bazi u tenut kont tas-salarju tal-attrici, kunsiderazzjonijiet ta' inflazzjoni u l-percentagg ta' disabilita', ghandha tigi likwidata favur l-attrici s-somma ta' tlieta u tletin elf mija u hamsin lira maltin (LM33,150) li minnhom ghandha titnaqqas is-somma ta' sitt elef sitt mija u tlettin lira (LM6.630) rappresentanti 20% minhabba li l-ammont qed jigu likwidat u jsir dovut bhala "lump sum" biex b'hekk l-ammont dovut lill-attrici huwa ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u ghoxrin lira maltin (LM26,520.00).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi fl-ewwel lok tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta' Fogg Limited u lill-konvenut Gerald u Rose konjugi Camilleri, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra tiddikjara li l-incident mertu tal-kawza gara tort u htija ta' l-istess konvenuti Ludwig Camilleri u Joseph Busuttil ghar-ragunijiet fuq moghtija u ghalhekk tiddikjarahom responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-atturi; tilliwkida l-istess danni fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u ghoxrin lira maltin (LM26,520.00) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti Ludwig Camilleri u Joseph Busuttil flimkien bejniethom u b'mod solidali, jhallsu lill-attrici Priscilla Micallef is-somma hekk likwidata u dana bl-imghax legali mil-lum. Fl-ahharnett ukoll billi tiddikjara li ma rrizultaw ebda danni dovuti lill-atturi Anthony u Vivienne konjugi Micallef.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti Joseph Busuttil u Ludwig Camilleri solidalment bejniethom.

Onor Imhallef Albert J. Magri